**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Jannar, 2025

Rikors Ġuramentat: 56/2023 AL

**A B**
**u b'digriet tat-22 ta' Jannar 2024 l-isem ġie korrett għal "Svetla" B**
K.I. 0190329(A)

**vs.**

**Dr. Jason Grima u l-P.L. Marie Claire Bartolo appuntati bħala kuraturi deputati b'digriet tad-19 ta' April 2023 sabiex jirrappreżentaw lill-assenti C D**
K.I. 016452(A)

## Il-Qorti

Rat ir-rikors maħluf[1] ippreżentat mill-attriċi fis-17 ta' Marzu 2023 li permezz tiegħu ppremettiet:

[1] Fol. 1.

*Illi kontestwalment ma di an ir-rikors r-rikorrenti qieghda titlob li jigu kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti D D*

*1. Illi l-kontendenti kienu f'relazzjoni ghal bosta snin u kienu jirrisjedu ghal zmein flimkien Malta;*

*1. Illi mill-istess unjoni kellho zewgt itfal u cioe' R D, tifla ta' seba' snin mwielda fis-16 ta' Gunju, 2015 hawn malta (Dok A) u N D ta' hames snin li twieldet fl-24 ta' Frar, 2017 hawn Malta (Doc B);*

.

*2. Illi missier it-tfal gurnata fost l-ohrajn siefer u ma rritornax lura u sal-lum ma tafx fejn qieghed jghix;*

*3. Illi hija m'hijiex qieghda tippercepixxi manteniment ghall-ulieda mill-missier u ma hemmx iktar presenza tal-missier f'hajjithom;*

*4. Illi għalhekk hija tixtieq tingħata l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri wehedha kif ukoll tinghata l-patria potesta' taz-zewgt ulied;;*

*5. Illi l-ahhar indrizz residenzjali huwa dak li jidher fuq id-dokument residenzjali tieghu mahrug mill-Identity Malta*

*6. Illi skont digriet minn din l-Onorabbli Qorti tal- 5 ta' Jannar, 2023, (Dokument C) liema medjazzjoni giet maghluqa u r-rikorrenti giet awtorizzata tipprocedi, liema digriet gie estiz permezz ta' digriet might fid-9 ta' Marzu, 2023. (Dokument D)*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija, ir-rikorrenti qiegħda umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex skond dawk il-kundizzjonijiet li jidhrulha xierqa u opportuni, jogħġobha:*

*(i)* *Tiffissa manteniment adegwat ghaz-zewgt ulied;*

*(ii)* *tinghata l-kura u l-kustodja ta' zewgt itfal wehedha;*

(iii) *tinghata l-patria potesta taz zewgt ulied fl-assenza tal-missier sabiex ma jkollha ebda xkiel fl-izvilupp u t-trobbija tat-tfal li llum - il gurnata qieghdin jghixu hawn Malta.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat l-att tat-twelid tal-minuri R D[2] li jġib in-numru progressiv 3189 tas-sena 2015;

Rat l-att tat-twelid tal-minuri N D[3] li jġib in-numru progressiv 1347 tas-sena 2017;

Rat kopja tad-digriet tal-5 ta' Jannar 2023,[4] fejn il-medjazzjoni ġiet dikjarata magħluqa u l-Qorti awtorizzat lill-attriċi sabiex tipproċedi b'rikors ġuramentat skond l-Artikolu 930 tal-Kap 12 u d-digriet tad-9 ta' Marzu 2023[5] fejn it-terminu biex tiġi preżentata l-kawża ġie estiż sat-30 ta' Marzu 2023;

Rat illi b'digriet tad-19 ta' April 2023[6] il-Qorti ħatret lill-Avukat Dr Jason Grima u l-Prokuratur Legali Marie Claire Bartolo bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-konvenut assenti u r-risposta ġuramentata tal-istess Kuraturi,[7] fejn ġie eċċepit illi huma ma humiex edotti mill-fatti;

Rat il-lista ta' xhieda tal-Kuraturi Deputati;

Rat il-verbal tal-15 ta' Ġunju 2023[8] f'liema seduta l-Qorti ħatret lill-Dr Maria Dolores Gauci bħala assistent ġudizzjarju sabiex tisma' l-provi f'dan il-każ u l-verbal tad-9 ta' Mejju 2024[9] f'liema seduta l-Qorti rrevokat l-inkarigu ta' Dr Gauci peress li din kienet ser tirtira u ssostitwietha b'Dr Sean Apap Meli bl-istess fakoltajiet;

---

[2] Fol. 8.
[3] Fol. 9.
[4] Fol. 10.
[5] Fol 11.
[6] Fol. 13.
[7] Fol. 27.
[8] Fol. 34.
[9] Fol. 202.

Rat id-digriet tat-22 ta' Jannar 2024[10] fejn il-Qorti laqgħet it-talba attriċi dwar korrezzjoni fl-okkju u *ċioé* sabiex isimha jiġi korrett minn "A" għal "Svetla";

Rat il-verbali kollha u x-xhieda imressqa mill-attriċi quddiem din il-Qorti;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet[11] tal-attriċi;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.[12]

## KONSIDERAZZJONIJIET

### 1. L-azzjoni odjerna

L-attriċi, permezz ta' din il-kawża, qiegħda titlob lill-Qorti sabiex takkordalha l-kura u kustodja tal-minuri R u N li twieldu minn relazzjoni li kellhom il-partijiet, wara li r-relazzjoni tal-partijiet spiċċat u l-konvenut siefer u ma rritornax lura Malta u b'hekk abbanduna l-ambjent familjari. Hija titlob ukoll illi l-Qorti tiffissa manteniment għall-minuri kif ukoll li tingħata l-patria potesta` taż-żewġ ulied sabiex fl-assenza tal-missier konvenut ma jkollha l-ebda xkiel fl-iżvilupp u t-trobbija tat-tfal.

Min-naħa l-oħra, il-konvenut, li huwa assenti minn Malta, qiegħed jiġi rappreżentat minn kuraturi deputati, li min-naħa tagħhom ma humiex edotti mill-fatti tal-każ.

### 2. Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mressqa:

*Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Provi Mressqa Minnha:*

L-attriċi tixhed permezz ta' affidavit ippreżentat fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2023[13]. Hija tgħid li hi u l-konvenut huma t-tnejn ta' nazzjonalità Bulgara u bdew ir-relazzjoni tagħhom fl-2014 u filwaqt li fil-bidu r-relazzjoni

[10] Fol. 64.
[11] Fol. 205.
[12] Verbal tal-10 ta' Lulju 2024 a fol. 204.
[13] Fol. 37.

tagħhom kienet waħda soda huma ma żżewġux. Kellhom lil R fis-16 ta' Ġunju 2015 u lil N fl-24 ta' Frar 2017, it-tnejn imweldin hawn Malta. L-attriċi tgħid li fil-11 ta' Awwissu 2022, il-konvenut mar joqgħod il-Bulgarija u jibgħat biss messaġġ kultant lill-uliedu u kważi lanqas qatt ma jċemplilhom. Tgħid li hija tixtieq li l-missier ikollu kuntatt ma wliedu iżda il-missier ma huwiex juri interess li jagħmel dan.

Tkompli tgħid l-attriċi, li hi tħallas għall-bżonnijiet kollha ta' wliedha u tipprova tagħtihom trobbija kemm jista' jkun normali. Tgħid li ssibha diffiċli ħafna meta jkun hemm bżonn il-firma tal-missier għal affarijiet ta' wliedhom għaliex huwa mpossibli għaliha biex tottjeni l-kunsens mingħandu. Tgħid li hawn Malta hija għandha xogħol u tinsab *settled* u Malta huwa l-unika pajjiż li t-tfal jafu.

Tispjega li l-problemi bejniethom bdew fl-2019 meta skopriet li l-konvenut kien qed ikun aggressiv minħabba li kellu l-vizzju tal-logħob. Tgħid li l-aggressjoni kompliet u bdiet tibża li se jsir abbużiv fiżikament u għalhekk f'Ġunju 2020 telqet biż-żewġt itfal mill-appartament li kienu jgħixu fih. Meta telqet bdew jikkuntatjawha diversi persuni jgħidulha li l-konvenut għandu jagħtihom il-flus. Tippreżenta dokument li tispjega li juri li l-konvenut ma kienx qed iħallas il-flus tal-kera u kien anke seraq oġġetti mill-appartament li kien qed jikri. Tgħid li anke ħbieb tagħha qalulha dan u tippreżenta *chat* ma' ħabiba tagħhom komuni, fejn il-konvenut jidher jitlobha l-flus. Tippreżenta wkoll kont tal-Kumpanija *GO* li ma kienx imħallas. Minkejja dan tgħid li l-konvenut kien jirrifjuta l-għajnuna anke meta darba ċemplilha u qalilha li qed jikkontempla li jneħħi ħajtu u hi ppruvat tgħinu.

Tgħid li issa qed ikollha taħdem *full-time* biex tlaħħaq finanzjarjament u twassal lit-tfal kullimkien hi b'tal-linja. Tgħid li xahar qabel ma l-konvenut telaq minn Malta huwa beda jmur jorqod barra l-appartament li kienet qed tgħix fih hi ma' wliedha. Tispjega li daħħlitu għandha iżda huwa ma kellux ħsieb li jaħdem u beda jossessjona fuqha u jsegwiha kull fejn tmur. Hija qaltlu li ma jistax jibqa' jgħix magħha u għenitu sabiex isib appartament qrib iżda għażel li jitlaq minn Malta. Meta telaq, tgħid li rċeviet iktar telefonati minn nies jgħidulha li l-konvenut għandu jagħtihom.

Fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2023[14] hija kkonfermat in-numru tal-mobile tiegħu u tgħid li jumejn qabel kienet avżatu li kienet fetħet kawża u li qabel dan kienet ilha sitt xhur li kkuntatjatu minħabba kunsens li kellha bżonn mingħandu minħabba li l-ID Cards tat-tfal kienu ser jiskadu iżda hu ma rrispondihiex. Fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2024[15] hija tgħid li dik ix-xitwa iltaqgħet mal-konvenut ġewwa l-Bulgarija fejn mar mill-villaġġ li kien joqgħod fih hu għall-villaġġ fejn kienet qed toqgħod hi, biex jara lill-uliedu. Tgħid li dakinhar qagħdu flimkien għal madwar erba'/ħames siegħat fejn marru l-park u ċ-ċinema mat-tfal imma bejniethom ma kkomunikawx.

Fil-mori tressqu s-segwenti xhieda minn naħa ta' l-attriċi:

1. *Ix-xhieda ta' Barbara Kirpic[16], ħabiba tal-partijiet* li tgħid li hi saret taf lill-attriċi minn ħbieb komuni u wara li t-tfal tagħhom kienu jattendu l-istess skola. Tgħid li darba l-konvenut għamel kuntatt magħha fuq il-media soċjali u talabha l-flus. Hija tikkonferma li l-kopja tal-messaġġi li preżentat l-attriċi mal-affidavit tagħha kienu l-messaġġi li bagħat il-konvenut lilha. Tgħid li qalilha biex ma tgħidx lill-attriċi li qed jitlobha l-flus għaliex ma riedx lill-attriċi tirrabja li b'xi mod kien spiċċa mingħajr flus. Tgħid li hija qalet lill-attriċi biss meta l-attriċi qalet li kkuntatjawha nies jgħidulha li l-konvenut jafhom il-flus. Tgħid fuq l-attriċi illi "*She is an amazing mother; she does everything for her kids. She is better than anyone I would know to be honest and it is not just to say because we are here; but even the costumes that she is making for kids or handmade that it looks amazing. She does her kids never lack of anything, and they are.. you know, brought up.. they are very polite. They are ..... they are going to all the extra curriculum activities; I didn't know how she does it, to be honest. She takes them by bus; she struggles.., I do know, a little bit I am sure with the money because she is a single mother, but her kids never lack anything."*[17]

[14] Fol. 54.
[15] Fol. 74.
[16] Seduta tal-31 ta' Ottubru 2023 a fol. 49 tal-proċess.
[17] Fol. 50.

2. _Xhieda ta' Tania Assuancao[18], ħabiba tal-attriċi_ li tiddiskrievi lill-attriċi bħala "*incredible mother; she takes care of her kids. She does everything for them. I don't know how she does it, but she takes the to activities,...riding, violin lessons, they do everything like we do and all the pther mums with support from husband and family members, and we know that she is alone. And we even joke because she always has the best costmues, the best lunch boxes, the best everything out of all of us. She os a role model for us; and our kids are friends, and we are lucky to have each other I guess!*"

3. _Xhieda ta' Vanja Mifsud Bonnici[19], ħabiba u ġara tal-attriċi_ li tiddeskrievi lill-attriċi bħala *unbelievable mum* u tgħid li hi u wliedha huma *close* ħafna u jagħmlu ħafna attivitajiet. Hija tgħid li saret taf minn ħbieb tal-qrib li l-konvenut kien qed jikkuntatja lin-nies sabiex jagħtuh il-flus u tgħid li hi taf li kellu problema tal-logħob.

4. _Xhieda ta' Johanna Bartolo in rappreżentanza tal-Bank BOV[20]_ li tixhed illi bl-ID Card number 164528A li huwa n-numru tal-karta tal-identità korrett tal-konvenut (mhux dak indikat fit-taħrik ta' xhieda) instabu żewġ kontijiet u *ċioé:*

   i. *Kont tat-tip Savings bin-numru 40025768659 li nfetaħ f'April 2019 u ngħalaq f'Ġunju 2023;*
   ii. *Kont tat-tip Savings bin-numru 40024727730 li nfetaħ f'Ġunju 2017 u ngħalaq f'Ġunju 2023;*

_Verżjoni tal-Konvenut Assenti u l-Provi Mressqa Minnu:_

Wara li l-kuraturi deputati ġew debitament notifikati bl-atti tal-kawża odjerna, ippreżentaw risposta ġuramentata iżda ma ressqux provi.

## 3. Principji legali saljenti għall-każ odjern

[18] Seduta tal-31 ta' Ottubru 2023 a fol. 51 tal-proċess.
[19] Seduta tal-31 ta' Ottubru 2023 a fol. 52 tal-proċess.
[20] Seduta tat-12 ta' Marzu 2024 a fol. 72 tal-proċess.

Qabel ma l-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra l-ewwel issemmi l-prinċipji legali relevanti għal dan il-każ.

Artikolu 3B tal-Kap 16 jgħid kif ġej:

*"(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li **jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw** lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied."*

Filwaqt li mbagħad l-Artikolu 7 japplika dak li jgħid l-Artikolu 3B għall-ġenituri kollha, anke jekk mhux miżżewwġin bħal ma hu l-każ odjern:

*"**Il-ġenituri għandhom l-obbligu** li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B."*

Jirriżulta għalhekk mill-Liġi nostrana, kif imbagħad impoġġija fil-prattika mill-Qrati tagħna illi ż-żewġ ġenituri, miżżewwġin jew m'humiex, għandhom l-obbligu li jindukraw lil uliedhom u jipprovdulhom kull wieħed skont il-bżonnijiet tagħhom. Il-ħsieb tal-Leġiżlatur kien ċar u waħdieni – ma jistax wieħed iġib it-tfal fid-dinja mingħajr sens ta' responsabbilità jew sens ta' obbligu fil-konfront tagħhom. Meta l-Qrati tagħna jiġu biex japplikaw dawn l-Artikoli f'kawżi ta' kura u kustodja fejn allura l-ġenituri ma għadhomx f'relazzjoni bejniethom, jżommu f'moħħhom bħala ħsieb li fuqhom jibbażaw id-deċiżjonijiet tagħhom **l-aħjar interess tal-minuri**.

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **L Darmanin vs Annalise Cassar**[21] "…….*meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuri, il-Qorti ma ghandhiex **tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri***".[22]

Skont is-sentenza fl-ismijiet **AB vs CD**[23]: *"Il-Qorti għaldaqstant, għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-*

[21] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[22] Emfażi tal-Qorti.
[23] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-23 ta' Frar 2018 (Rik. Gur. Nru 39/17).

*Kap 16."* Illi kif kellha l-okkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġurisprudenza kostanti tagħna hawn fuq ċitata. Tenut kont tal-prinċipji bażilari hekk kif enunċjati mill-ġurisprudenza appena ċitata, u *ċioé* l-prinċipju tal-aktar utilità u dak tal-aqwa vantaġġ għall-minuri, il-Qorti għandha l-fakoltà li abbażi tal-Artikolu 56 tal-Kap 16, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lill-ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat.

Il-Qorti għandha tiddeċiedi fl-ewwel lok dwar il-kustodja tal-minuri, u *ċioé* ma' min il-minuri ser jirrisjedu u fit-tieni lok dwar jekk għandhiex iċċaħħad lil xi ħadd mill-ġenituri mill-awtorità tagħhom versu l-minuri. L-Artikolu 56 (5) tal-Kap 16 jgħid illi:

*"Il-qorti tista' barra dan, meta ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tistabbilixxi li xi ħadd mill-ġenituri jew it-tnejn ikunu miċħuda mill-jeddijiet tal-awtorità tal-ġenituri għal kollox jew f'parti."*

Il-Kap 16 jitratta l-kwistjoni tas-setgħa tal-ġenituri b'mod speċifiku taħt Titolu IV intitolat '*Fuq is-Setgħa tal-Ġenituri*'. Il-provvedimenti saljenti huma l-Artikolu 131 u l-Artikolu 154(1):

*"131. (1) L-iben huwa suġġett għas-setgħa tal-ġenituri tiegħu għall-effetti kollha kif stabbiliti bil-liġi.*

*(2) Ħlief f'dawk il-każijiet stabbiliti bil-liġi, din is-setgħa tkun eżerċitata bi ftehim bejn iż-żewġ ġenituri. Wara l-mewt ta' wieħed mill-ġenituri, din tkun eżerċitata mill-ġenitur li jibqa' ħaj.*

*(3) F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri dwar ħwejjeġ ta' importanza partikolari, kull wieħed mill-ġenituri jista' jirrikorri għal dik il-qorti skont ma tista' tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien fejn juri dawk id-direzzjonijiet li fil-fehma tiegħu jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi.*

*(4) Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-ġenituri u lit-tifel jekk dan ikun laħaq l-età ta' erbatax-il sena, għandha tagħmel dawk is-suġġerimenti li jidhrilha l-aħjar fl-interess tat-tifel u l-għaqda tal-familja. Jekk ikompli n-nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri, il-qorti għandha tawtorizza lill-ġenitur li fil-fehma tagħha jkun l-iktar xieraq li jħares l-interess tat-tifel fil-każ partikolari, li jiddeċiedi l-kwistjoni, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149.*

*(5) Fil-każ ta' periklu imminenti jew preġudizzju serju għat-tifel kull wieħed mill-ġenituri jista' jieħu dawk il-miżuri li huma urġenti u li ma jistgħux jistennew.*

*(6) Dwar terzi persuni in bona fide, kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ għandha titqies li għemilha kien bil-kunsens tal-parti l-oħra meta teżerċita għemil dwar awtorità tal-ġenituri dwar il-persuna tat-tifel."*

u

*"154. (1) Bla ħsara ta' kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett skont il-liġi, il-ġenitur jista' jiġi mneħħi mill-qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri, jew minn biċċa minnhom, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*

*(a) jekk il-ġenitur, billi jagħti kastig barra mill-qies jaħqar lit-tifel, jew jittraskura l-edukazzjoni tiegħu;*

*(b) jekk l-imġieba tal-ġenitur tista' tagħmel ħsara lit-trobbija tat-tifel;*

*(ċ) jekk il-ġenitur huwa interdett, jew inabilitat li jagħmel xi atti, kif jingħad fl-artikoli 520 sal-527 inklużivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u fl-artikoli 189 u 190;*

*(d) jekk il-ġenitur jamministra ħażin ħwejjeġ it-tifel;*

*(e) jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wieħed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel."*

F’dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **F T K P D vs R K P G**[24], fejn f’ċirkostanzi simili din il-Qorti kienet ikkonsidrat illi l-Artikoli 56 u 56A tal-Kap 16 huma applikabbli u relevanti anke fil-kuntest ta’ talba minn ġenitur sabiex jiġi fdat esklussivament bil-kura u kustodja ta’ ulied minuri li ma ssirx f’separazzjoni, u kienet *ex officio* ċaħdet lill-missier mill-awtorità ta’ ġenitur sabiex din l-awtorità tkun eżerċitata esklussivament mill-omm: *“Il-Qorti, wara li eżaminat iċ-ċirkostanzi partikolari kollha ta' dan il-każ, b'mod partikolari li l-missier abbanduna lill-minuri b'mod assolut, tiddikjara li jeżistu l-estremi sabiex iċċaħħad lill-missier mill-awtorità ta' ġenitur sabiex tali awtorità tiġi eżerċitata esklussivament mill-omm.”*

Il-Qorti tinsisti illi f’ċirkostanzi oħra, iż-żewġ ġenituri għandhom rwol importanti fil-ħajja u fit-trobbija ta’ uliedhom, u għalhekk l-ebda wieħed mill-ġenituri m’għandu jiġi eskluż mit-trobbija tal-ulied. Madanakollu l-liġi tagħna tagħraf illi jista’ jkun hemm raġunijiet serji li jwasslu lill-Qorti li tieħu miżura daqshekk drastika. Kif ingħad, f’din il-materja il-Qorti tiġi gwidata mill-aħjar interessi tal-minuri, u għalhekk il-Qorti għandha teżamina jekk fiċ-ċirkostanzi huwiex fl-aħjar interess tal-minuri illi xi ħadd mill-ġenituri għandu jiġi żvestit mill-awtorità ta’ ġenitur u li dan ikun iktar ta’ ġid għalih.

L-istess Artikoli 3 u 7 tal-Kap 16 jagħmlu referenza wkoll għall-aspett finanzjarju tat-trobbija tal-ulied u ġaladarba l-Qorti tiddeċiedi li l-kura u l-kustodja tal-minuri għandha tiġi fdata f’idejn parti, mela dan neċessarjament ifisser li l-parti l-oħra għandu jikkontribwixxi għall-għajxien ta’ uliedu billi jħallas manteniment għalihom favur il-parti l-oħra li hi wkoll naturalment tkun qed tagħti sehemha finanzjarjament għat-trobbija tal-ulied li għandha jgħixu magħha. “*Kif ritenut fil-ġurisprudenza: ...........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u*

[24] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-22 ta’ Marzu 2018 (Rik. Gur. Nru. 192/16 RGM).

*titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat."*[25]

Fil-kawża **Portelli Jennifer *pro et noe* vs Portelli John** [26] issir referenza għall-artikoli 3, 3B u 7 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta kif ġja ċitati. F'din is-sentenza l-Qorti qalet: *"Abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess... ... Kif għandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wieħed mill-ġenituri, tvarja minn każ għal każ, u ħafna jiddependi fuq il-**mezzi rispettivi u l-bżonnijiet tal-istess minuri**, pero` xorta jibqgħu veljanti u skjetti l-prinċipji li jirregolaw l-istess dimirijiet u obbligazzjonijiet tal-ġenituri verso l-istess ulied, speċjalment għall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16, li għalhekk **jinkludu kontribuzzjoni għall-ikel, ilbies, saħħa u abitazzjoni u spejjeż meħtieġa għall-istess saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom skond il-bilanċ bejn il-bżonn u l-mezzi, kkalkulati ai termini tas-subartikolu ta' l-istess artikolu 20**."*

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu tal-manteniment tal-minuri huwa obbligu assolut u dan jemmani mill-istess prinċipju tal-aqwa interess tat-tfal. Fil-fatt relevanti dak li intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Marina Galea vs Mario Galea** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019 illi: "*Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."*

Ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza nostrana wkoll illi *"Din il-Qorti timxi mal-massima legali li min jallega ħlas dan irid jippruvah u b'hekk indubjament teżiġi li l-parti li tagħmel it-talba għandha tipprova l-każ tagħha."*[27]

[25] Vide Tiziana Caruana vs Redent Muscat deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019 (Rik. Nru. 272/2018); Liza Spiteri vs Luke Farrugia deċiża mill Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019 (Rik. Nru. 219/2018).

[26] Deċiż mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Rik. Nru. 2668/1996).

[27] Deċiża mill-Qorti Ċivili Sezzjoni Familja fit-27 ta' Jannar 2022 (Rik Nru 152/16 AL).

## 4. Applikazzjoni tal-Prinċipji legali għall-każ odjern

Il-Qorti għandha quddiemha każ ta' koppja mhux miżżewwġa, li minn relazzjoni li kellhom bejniethom twieldu żewġt itfal, R li llum għandha disa' (9) snin u N li għandha seba' (7) snin. Ir-relazzjoni tal-partijiet spiċċat u l-missier abbanduna għal kollox lil uliedu u telaq mill-pajjiż. L-attriċi għalhekk titlob il-kura u kustodja u setgħa tal-ġenitur, kif ukoll il-manteniment għal uliedha wara li l-piż finanzjarju ntefa' kollu fuqha.

Il-Qorti għandha biss il-verżjoni tal-attriċi li minnha jirriżulta illi l-konvenut kellu problema sabiex jassumi r-responsabbilitajiet ta' missier minn meta kien għadu hawn Malta. Jidher li l-problema bdiet kif qalet l-attriċi fl-2019 fejn hija tgħid li l-konvenut beda jkun aggressiv u ħareġ li kellu problema tal-logħob. Il-Qorti tara li dan jikkumbaċja ma' dak li jirriżulta mill-kontijiet tal-Bank, li *statements* tagħhom ġew preżentati mir-rappreżentant tal-BOV. Il-Qorti eżaminat l-istess, u rat li minn dawn l-*istatements* joħroġ biċ-ċar li fl-2019 il-konvenut kien għamel numru kbir u kostanti ta' tranżazzjonijiet mal-kumpanija tal-*betting* bl-isem *BET365* u l-quddiem anke mal-kumpanija *IZIBET.* Jirriżulta wkoll illi fil-fatt iktar il-quddiem bdew joħorġu problemi finanzjarji riżultat tal-vizzju li kellu bħal fatt li ma bediex iħallas il-kera u anke jisraq mill-appartament li kien qed jikri.

Fil-fatt l-attriċi tippreżenta kopja tal-konverżazzjoni li kellha ma' sid il-kera fejn kien qed jikri l-konvenut fejn sid il-kera qaltilha "*He ows me 962...This is for rent not paid, electricity bill, and a lot of damages and stolen items*."[28] Dan minbarra l-fatt li beda jitlob il-flus lill-ħbieb tal-partijiet kif jirriżulta mix-xhieda ta' Barbara Kirpic u l-messaġġi preżentati mill-attriċi li l-konvenut jidher li bagħat lill-istess xhud. Mill-messaġġi jinħass l-istat ta' paniku li kien fih il-konvenut fejn ġie f'sitwazzjoni li kellu jittallab il-flus u ovjament jaħbi dan mill-attriċi.

B'dan kollu għaddej, l-attriċi ħadet id-deċiżjoni, anke fl-aħjar interess ta' wliedha, li twaqqaf ir-relazzjoni ta' bejniethom u fil-fatt telqet mid-dar fl-2020. L-attriċi kellha tassumi weħidha r-responsabbilità tat-trobbija ta' wliedha fejn mhux talli l-konvenut ma kienx qed ikun ta' mudell għal wliedu

[28] Fol. 42.

iżda wkoll tilef l-interess f'uliedu u lanqas beda jgħinha finanzjarjament, iktar u iktar fid-dawl tal-fatt li kellu l-vizzju tal-logħob. Minkejja dan kollu l-Qorti tfaħħar il-fatt li l-omm xorta għamlet sforzi sabiex it-tfal ikollhom relazzjoni tajba ma' missierhom u fil-fatt tgħid li "*I encourage the children to occasionally call hin because sadly, he almost does not call them. I want their father to have meaningful access with the two daughters as they need the presece of their father in their life but he is not showing interest.*"

L-attriċi tidher tgħin lill-konvenut anke meta ma baqgħux f'relazzjoni u kif tispjega hi għamlitlu anke appuntament fi klinika, kif jirriżulta minn dokument preżentat mal-affidavit tagħha, biex jieħu l-għajnuna minħabba l-problemi li kien fihom u daħħlitu f'darha meta ma kellux fejn joqgħod. Minkejja dan kollu, huwa mhux talli abbanduna r-responsabbilitajiet tiegħu ta' missier, talli fl-2022 jidher li l-konvenut telaq minn Malta, jiġifieri huwa ma ddejjaqx jabbanduna lil uliedu saħansitra billi anke telaq mill-pajjiż u qata' ħafna mill-kuntatt mal-omm. Hija fil-fatt bdiet issibha diffiċli tottjeni l-kunsens tiegħu għal affarijiet tat-tfal. Madanakollu hija tibqa' tipprova u fil-fatt tixhed illi fix-xitwa 2023-2024 hija ltaqgħet miegħu ġewwa l-Bulgarija fejn huwa seta' jqatta' xi siegħat mat-tfal. Il-Qorti tammira l-isforzi kollha ta' din l-omm li minkejja li sfat weħedha fit-trobbija ta' wliedha, kompliet tagħraf l-importanza tal-figura tal-missier u tgħin lil missier kif tista'.

Jirriżulta illi l-attriċi omm abbraċjat ir-rwol ta' *single mother* b'maturità u b'ħafna għożża. Jixhdu sħabha li l-attriċi mhux talli trabbi lil uliedha daqs li kieku hemm il-preżenza tal-omm u tal-missier f'ħajjet it-tfal, talli ċ-ċajta ta' bejniethom hija li hija l-aħjar waħda fil-grupp ta' ħbieb tagħhom fl-affarijiet li tagħmel lil uliedha. Sħabha jgħidu li hija "*role model for us*"[29] u "*an amazing mother*"[30] Isemmu saħansitra mhux biss l-affarijiet bażiċi li din l-omm tipprovdi lil uliedha iżda saħansitra jirnexxielha tibgħathom attivitajiet extra kurrikurali, tagħmillhom kostumi *handmade*, *lunch boxes* sbieħ etc. Fil-fatt jingħad li t-tfal qatt ma naqashom xejn. Ovvjament mingħajr l-għajnuna tal-missier, l-attriċi kellha *over and above* dan kollu toħroġ taħdem *full-time*.

---

[29] Fol. 51.
[30] Fol. 50.

Għalkemm l-attriċi ppruvat ittarraf lill-konvenut li bdiet proċeduri legali hawn Malta, huwa ma jidhirx li jagħmel sforzi biex jieħu sehem f'dawn il-proċeduri u indipendentement minn dan, ma huwiex ċar għal Qorti xi sforzi saru mill-Kuraturi appuntati li jsibu lill-konvenut sabiex ikun preżenti f'dawn il-proċeduri. Madanakollu l-fatt li l-konvenut qabad u telaq mill-pajjiż mingħajr ma għamel l-ebda sforz biex qabel jitlaq jagħmel arranġamenti meħtieġa fil-konfront ta' wliedu juri kemm ma għandux għal qalbu l-aħjar interessi ta' wliedu u jistrieħ kompletament fuq l-omm biex trabbi lil uliedhom.

Jirriżulta ċar li l-interess ewlieni tal-attriċi huma wliedha tant li mhux talli ħadet fuqha weħedha r-responsabbilitajiet ta' wliedha tant li tipprova takkomoda lill-konvenut biex ma jaqtax il-kuntatt ma wliedu. Huwa inkonfutabbli għal din il-Qorti illi l-abbandun *da parti* tal-konvenut fil-konfront ta' wliedu jpoġġi lill-attriċi f'sitwazzjoni diffiċli anke f'dak li għandu x'jaqsam mad-deċiżjonijiet illi talvolta jkun hemm bżonn li jittieħdu fil-konfront tat-tfal.

Il-Qorti għalhekk hija sodisfatta illi fid-dawl tal-premess ikun fl-aħjar interessi tal-minuri li l-kura u kustodja tkun fdata esklussivament f'idejn l-attriċi, dan anke billi l-minuri għandhom jibqgħu jirrisjedu mal-attriċi ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha. Il-Qorti tkompli tikkonferma l-konsiderazzjoni tagħha *in vista* tal-fatt li ma kien hemm l-ebda eċċezzjoni kuntrarja għal dan u li bejn il-partijiet ma hemmx komunikazzjoni kostanti. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Miriam Cauchi *pro et noe* v. Francis Cauchi,**[31] fejn il-Qorti tal-Appell irriteniet illi hija "*tiskarta t-talba ghall-kustodja kongunta ghax, bhala sistema, mhux prattikabbli meta l-ġenituri ma jitkellmux bejniethom".*

Appena deċiż illi l-kura u kustodja tal-minuri ser tkun esklussivament f'idejn l-attriċi, il-Qorti tħoss li għandha wkoll tiddeċiedi dwar is-setgħa tal-ġenitur li tmur lil hinn mill-kura u kustodja kif spjegat hawn fuq.

Il-Qorti rat illi l-konvenut abbanduna għal kollox lil wliedu mhux biss meta kien hawn Malta iżda iktar u iktar meta telaq mill-pajjiż. Din il-Qorti

[31] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (App. Nru. 2463/1999/1)

tikkundanna dan id-diżinteress totali tal-konvenut, li hu aġir irresponsabbli u kuntrarju għan-natura, u ma jixraqx li t-tfal jibqgħu għall-merce` ta' ġenitur li jonqos milli juri imħabba u interess tanġibbli fil-benessere tiegħhom.

Dan l-abbandun min-naħa tal-konvenut jpoġġi wkoll lill-attriċi f'sitwazzjoni diffiċli fil-prattika f'dak li għandu x'jaqsam mad-deċiżjonijiet illi talvolta jkun hemm bżonn li jittieħdu fir-rigward tat-tfal, peress illi l-konvenut għamilha mpossibli għaliha li tagħmel kuntatt miegħu. Hija ma għandhiex indirizz fejn joqgħod iżda għandha biss kuntatt ta' mobile u l-konvenut jirrispondi biss meta jrid hu. Il-Qorti tqis li ma jkunx fl-aħjar interess tal-minuri li ommhom ikollha tirrikorri għal proċeduri ġudizzjarji f'kull sitwazzjoni fejn jista' jkun hemm bżonn il-firma tal-missier, bħal per eżempju deċiżjonijiet edukattivi jew xi deċiżjonijiet fl-ambitu mediku. Ċertu deċiżjoni jeħtieġu li jittieħdu fi żmien utli u anke qasir u ma hux ġust li l-attriċi tinkorri spejjeż kull darba u trid tiddependi wkoll fl-ispeditezza tal-Qrati sabiex tkun tista' tieħu deċiżjoni li fil-verità ġenitur bi buon sens ikun jista' jieħu waħdu.

Il-Qorti għalhekk hija konvinta illi jeżistu l-estremi sabiex il-konvenut jiġi mċaħħad mill-awtorità ta' ġenitur, sabiex din tigi eżerċitata esklussivament mill-attriċi ommhom u dan *ai termini* tal-artikolu 154 (1) (e) tal-Kap 16.

Għalkemm ma hemmx talba għall-aċċess il-Qorti hawn ukoll tapplika l-prinċipju ta x'inhu l-aħjar għall-minuri u tħoss illi wara li l-konvenut abbanduna lil uliedu b'dan il-mod fejn qata' kull kuntatt u ma wera li għandu l-ebda interess fit-trobbija tagħhom, ma għandhiex tipprovdi dwar aċċess fil-preżent.  F'każ illi l-konvenut jiddeċiedi li jrid jerġa' jibni kuntatt mat-tfal, filwaqt li l-Qorti tfakkar li l-ulied ma humiex ġugarelli li wieħed jista' jużahom biss meta jfettillu u meta komdu għalih, tordna illi f'dak il-każ il-missier għandu jintavola rikors  sabiex din il-Qorti tiddeċiedi skont iċ-ċirkostanzi dwar jekk ikunx san għall-minuri illi jiltaqgħu ma' missierhom u f'liema ċirkostanzi u b'liema modalitajiet għandu jsir dan.

Dan ma jfissirx però li l-missier għandu jkun eżonerat mill-obbligu li jagħti manteniment lill-omm għall-minuri.  Anzi f'din is-sitwazzjoni li sabet ruħha fiha l-omm hija għandha bżonn iktar u iktar ta' għajnuna finanzjarja meta l-konvenut missier abbanduna għal kollox l-obbligi tiegħu u allura l-omm

trid tara kif ser ikollha introjtu biżżejjed sabiex trabbi lil uliedhom u fl-istess ħin trabbihom weħedha. Il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Audrey Buhagiar *pro et noe* vs Daniel Schembri** deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju 2015, liema raġunament kien ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016: *"Il-Qorti qiegħda tikkunsidra wkoll rilevanti il-fatt illi l-omm ghandha l-kustodja tat-tifla peress li tirrisjedi maghha. Dan l-istat ta' fatt min-natura tieghu jillimita l-potenzjal ta' kemm l-omm tista' ddum barra mid-dar sabiex tiggenera dhul."*

Kif irriżulta iktar 'il fuq tali obbligu tal-manteniment ma huwiex xi wieħed frivolu, iżda huwa wieħed sanċit mil-liġi stess u l-messaġġ waħdieni li din il-Qorti trid tgħaddi huwa li qabel ma wieħed jipprokreja l-ulied għandu jara li jkun f'pożizzjoni fiżika, mentali u finanzjarja li jista' jieħu ħsieb l-istess ulied, u li jkollu d-diċenza jerfa' r-responsabbilità li jġibu magħhom l-ulied u li tali responsabbilità ma tiġix abbandunata wara ftit taż-żmien wara li titwieled it-tarbija.

Il-liġi nostrana tagħti gwida ta' kif għandu jkun ikkalkulat il-manteniment ibbażat fuq il-**mezzi rispettivi tal-ġenituri u l-bżonnijiet tal-istess minuri**. Għalkemm l-attriċi tagħmel talba sabiex tiġi ffissata retta alimentari għal uliedha, sfortunatament la ġġib provi tal-introjtu tagħha u tal-konvenut u tal-ħiliet tagħhom u lanqas tal-bżonnijiet partikolari ta' wliedha. Kif tipprovdi l-liġi, il-Qorti tagħmel id-deċiżjoni tagħha dwar ammont ta' manteniment li għandu jingħata bażata fuq dawn il-fatturi. Il-Qorti għalhekk, fin-nuqqas ta' provi f'dan ir-rigward, fejn lanqas *de minimis* ma għandha prospett ta' nfieq tal-minuri, trid tasal għal ammont *arbitro boni viri*.

Il-Qorti għalhekk tordna lill-konvenut, iħallas lill-attriċi is-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) għal kull wild, kull xahar, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi depożitat direttament lill-attriċi f'dak il-kont bankarju indikat minnha stess. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kap 16, l-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għall-minuri sakemm dawn jagħlqu l-età ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalità li l-minuri jagħżlu li jibqgħu jistudjaw fuq

bażi *full-time* wara li jilħqu l-età maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlqu l-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalità tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *childrens allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri. Jekk l-ulied jagħżlu li jmorru jgħixu għal rashom wara li jagħlqu t-tmintax-il sena l-manteniment għandu jithallas direttament lilhom.

**DEĊIDE**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati sa fejn dawn huma inkompatibbli ma dak li se jiġi deċiż u taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna lill-konvenut, iħallas lill-attriċi is-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) għal kull wild, kull xahar, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi depożitat direttament lill-attriċi f'dak il-kont bankarju indikat minnha stess. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kap 16, l-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għall-minuri sakemm dawn jagħlaqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalità li l-minuri jagħżlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-età maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlqu l-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalità tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *childrens allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri. Jekk l-ulied jagħżlu li jmorru jgħixu għal rashom wara li jagħlqu t-tmintax-il sena l-manteniment għandu jithallas direttament lilhom.

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri R u N D għandha tkun esklussivament f'idejn l-attriċi, b'dana li l-minuri għandhom jibqgħu jirrisjedu mal-attriċi ġewwa Malta f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabilixxi bħala r-residenza tagħha;

3. Tilqa' it-tielet talba u tordna li l-konvenut jiġi żvestit mis-setgħat kollha tiegħu ta' ġenitur *ai termini* tal-Artikolu 154 tal-Kap 16, b'dana illi l-attriċi jkollha s-setgħa ta' ġenitur waħedha fuq il-minuri bil-fakoltà li tieħu esklussivament waħedha kull deċiżjoni fir-rigward tal-minuri, kemm ordinarji kif ukoll straordinarji.

Bl-Ispejjeż kollha kontra l-konvenut.